MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 145/2006

Kawza fil-lista: 42

**A sive B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici, in sostanza, ippremettiet: li minn relazzjoni li kellha mal-konvenut twieldet it-tifla F E li [llum] ghandha circa tnax [12]-il sena; li wara li ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet, inqalghu diversi kwistjonijiet fuq it-tifla, rigwardanti l-kura u kustodja taghha, l-access u l-manteniment dovut ghaliha; li t-tifla baqghet tghix ma' ommha, b' access favur il-missier; li sussegwentement iz-zwieg tal-konvenut kien gie annullat u eventwalment dan izzewweg persuna ta' nazzjonalita' Ciniza; li kemm l-attrici kif ukoll it-tifla ma

kienux kuntenti li dina tmur ghall-access ghand il-missier u taghmel hin twil fil-kumpanija tal-mara tieghu; li skond l-attrici dan kien qed ikun ta' dannu ghat-tifla; ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti [1] tordna li l-kaz jigi trattat bl-urgenza; [2] li takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri; [3] li l-access tal-missier ikun "regolat b' mod li l-interessi tal-minuri jigu salvagwardjati, occorrendo permezz ta' sorveljanza ta' persuni kompetenti"; [4] li jigi likwidat l-ammont ta' manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghal htigijiet tal-minuri, u l-konvenut jigi ordnat ihallas din ir-retta alimentarja; [5] li jigi appuntat Avukat biex jirrapprezenta l-interessi tal-minuri; u [6] li taghti dawk l-ordnijiet kollha li huma xierqa fl-ahjar interess tal-minuri;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut, filwaqt li cahad l-allegazzjonijiet maghmula mill-attrici fir-rikors promotur, jiddikjara li jaqbel li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata f' idejn l-attrici, izda b' access liberu u ampju favur tieghu minghajr il-htiega ta' supervizjoni; jaqbel li ghandu jhallas manteniment skond il-bzonn tal-minuri u "tenut kont l-income" ta' l-istess konvenut;

Rat il-verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu gie dikjarat li "il-partijiet [prezenti] jaqblu li l-kura u kustodja tat-tifla F tkun f'idejn l-attrici, u l-konvenut ikollu access liberu u ampju ghall-istess minuri minghajr supervizjoni. Ghalhekk ma hemmx htiega ta' aktar provi rigward l-ewwel eccezzjoni, u jifdal biss li jigi trattat u deciz il-punt sollevat fit-tieni eccezzjoni rigward il-manteniment." [fol.17];

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluzi l-affidavits prezentati;

Rat li, ghalkemm il-konvenut inghata opportunita' ampja biex iressaq il-provi tieghu, dana baqa' volontarjament mankanti f' dan ir-rigward;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi, wara l-verbal fuq citat, il-Qorti tosserva li l-vertenza li fadal biex tigi rizolta f’ dan il-kaz hija dik rigwardanti l-quantum tal-manteniment li l-konvenut, bhala l-missier tal-minuri F E, huwa obbligat ihallas lill-attrici bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment ta’ bintu.

Illi filwaqt li l-attrici prezentat provi f’ dan ir-rigward, il-konvenut b’ mod lampanti naqas li jressaq provi, u di fatti lanqas attenda ghas-seduti fissati ghall-provi tieghu.
Illi mill-provi prodotti jirrizulta mhux kontraddett li t-tifla F E, li llum ghandha circa 12-il sena, hija l-wild naturali tal-partijiet;  u li din dejjem ghexet ma’ ommha l-attrici, anke wara li ntemmet ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet. L-attrici tghid ukoll li l-konvenut qatt ma kkontribwixxa xejn ghal manteniment ta’ bintu.

Illi l-attrici tispjega li fis-sena 2007 hi kienet hadet hanut li fih bdiet tiggestixxi confectionery; u li bejn April u Ottubru 2007 hija ghamlet profit nett ta’ LM1,414. Dwar il-konvenut, tghid li “ir-ragel jahdem ta’ panel beater u sprayer, pero’ jiena ma nafx fejn qieghed jahdem. Ghandu wkoll garage wara l-hin tax-xoghol, u wkoll jaghmel spraying u panel beating go fih.  Dan il-garage kien Hal Safi, pero’ fejn ma nafx, u ma nafx ghadux ghandu.” [fol.28].

Illi dwar il-pozizzjoni finanzjarja tal-konvenut ma tressqux provi.  Il-Qorti tosserva li, gjaladarba jirrizulta mhux kontraddett li f’ xi zmien il-konvenut kien jahdem u kellu ntrojtu regolari, allura, fin-nuqqas ta’ provi li juru l-kuntrarju, hija lecita l-prezunzjoni li dan ghadu jahdem, u jahdem fl-istess tip ta’ xoghol.  Inoltre, gjaldarba l-obbligu tal-genitur li jimantni lil wild naturali tieghu huwa wiehed assolut, u tenut kont li l-hlas tal-manteniment ghall-wild huwa fl-interess ta’ l-istess wild u huwa dritt tieghu, din il-Qorti in difett ta’ provi dwar il-quantum, ser tiffisa l-ammont dovut arbitrio boni viri, tenut kont tan-natura tax-xoghol tal-konvenut, u l-bzonnijiet tal-minuri li llum ghandha circa 12-il sena.

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti qed tiffissa s-somma ta’ €140 [Lm60] kull erba gimghat bhala l-kontribut tal-

konvenut ghall-manteniment ta’ bintu F E, u li hu ghandu jhallas lill-attrici.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel talba, stante li din giet sorvolata;
[2] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri F Baldac chino lill-attrici, ommha, skond kif kienu qabblu l-partijiet;
[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens li takkorda lill-konvenut access liberu u ampju, u minghajr supervizjoni, skond kif kienu qabblu l-partijiet;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba fis-sens li tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta’ mija u erbghin ewro [€140] kull erba gimghat bhala l-kontribut tieghu ghal bintu F E, sakemm dina tibqa’ minorenni;
[5] tichad il-hames talba, stante li ma kienx hem m il-htiega li jisir dak mitlub;
[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, stante li hija superfluwa.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------